## Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

## Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 997/2000 AJM

Kawza numru 36

Primrose Poultry Products Limited

Vs

Anthony u Josette, koppja Muscat

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-22 ta' Mejju 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' sebat elef tmien mija u erba' liri maltin (LM7,804.00) liema somma tirrapresenta nkwantu ghas-somma ta' sebat elef mija u erbghin lira maltija (LM7,140.00) bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija flieles mibjugha u kkonsenjata, u inkwantu ghas-somma ta' sitt mija erbgha u sittin lira maltija (LM664.00) imghaxijiet legali ta' tmienja fil-mija (8%) minn meta l-ammont gie dovut sal 11 ta' Mejju 2000; illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellati, anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti; illi fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjoni valida x'jaghtu

kontra din l-azzjoni; illi ghal finijiet ta' l-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 qieghed jigi hawn anness affidavit tar-rappresentant legali tas-socjeta' attrici u mmarkat Dok A; talab li din il-Qorti:-

1. tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma minnhom dovuta ta' LM7,804.00 liema somma tirrapresenta in kwantu ghas-somma ta' LM7,140.00 bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija, flieles, mibjugha u kkonsenjata u inkwantu ghas-somma ta' LM664.00 imghaxijiet legali ta' 8% minn meta l-ammont gie dovut sal-11 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid, tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' inibizzjoni tat-12 ta' Mejju 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Mejju 2000 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti, li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Gunju 2000 meta l-konvenuti inghataw il-fakolta' li jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti ppresentata fl-14 ta' Lulju 2000 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi l-eccipjenti Josette Muscat ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

2. Illi l-eccipjenti mhux il-legittimi kontraditturi stante li l-eccipjenti Anthony Muscat jinnegozja f'isem is-socjeta' A. Muscat Poultry Products Limited.
3. Illi l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontraditturi stante illi l-eccipjenti Anthony Muscat ghan-nom tas-socjeta' A. Muscat Poultry Products Limited agixxa biss ta' intermedjarju fuq bazi ta' hlas bil-commission fuq il-bejgh.
4. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiz ma jiehux kont ta' commission dovuta lill-eccipjenti fuq il-bejgh ta' merkanzija u flieles lill-terzi bdiewa.
5. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi lanqas huma dovuti l-imghaxijiet pretizi mis-socjeta' attrici.
6. Illi inkwantu jirrigwarda t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' imghaxijiet mit-12 ta' Mejju 2000 sal pagament effettiv, tali talba ma tistax tigi akkolta ghaliex l-eccipjenti jkunu qeghdin jigu ikkundannati jhallsu imghaxijiet fuq imghaxijiet gia likwidati fit-talba attrici.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta'Mejju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici, li ghandha negozju tal-bejgh ta' flieles ta' gurnata ghat-trobbija, qedha tghid li hija ghandha tiehu minghand il-konvenuti l-ammont indikat fic-citazzjoni rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u imghaxijiet komputati dietim sad-data tal-presentata tac-citazzjoni. Il-konvenuti qed iresqu diversi eccezzjonijiet. Dawn ser jigu trattati individwalment kif sejjer jinghad:-

1. Qed issir oggezzjoni ghall-presenza tal-mara tal-konvenut f'dawn il-proceduri billi din ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Huwa minnu li sew jekk l-konvenut Anthony Muscat huwa responsabbli personalment versu s-socjeta' attrici sew jekk r-relazzjoni tieghu maghha kienet tramite socjeta' ohra, kif qed jinghad fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, l-mara ma ghandhiex locus standi f'dawn il-proceduri. Infatti l-artikolu 1324 tal-Kap 16 jipprovdi ghall-eventwalita' ta' meta att li minn natura tieghu jkun jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja bhal ma hu kummerc, negozju jew professjoni, l-amministrazzjoni u rappresentanza tkun vestita biss f'dak il-konjugi li jkun qed jezercita dak in-negozju, kummerc jew professjoni ezercitat minnu. L-presenza tal-konvenuta ghalhekk mhux mehtieg billi, anke kif jirrizulta mill-atti tal-kawza, din qatt ma ggestiet in-negozju in kwistjoni.
2. Qed jinghad mill-konvenut li hu mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri billi huwa kien jinnegozja f'isem is-socjeta' A. Muscat Poultry Products Limited. Jidher li l-konvenut personalment u flimkien ma missieru kien ghal diversi snin jixtri merkanzija jew jinnegozja mas-socjeta' attrici f'ismu personalment, izda hu jghid li fin-1998 huwa fforma kumpanija u ghalhekk jippretendi li issa din hija responsabbli ghad-dejn pretiz

mis-socjeta' attrici. Izda jidher li l-istess konvenut qatt ma informa lis-socjeta' attrici li kien hemm bdil fil-persuna ma min kienet qed tinnegozja u effettivament l-invoices, l-credit notes, l-istatements u l-ircevuti dejjem baqghu johorgu f'ismu jew f'isem il-konvenut u missieru. Din l-eccezzjoni ghalhekk ma ghandha ebda fondament billi ma jirrizultax li s-socjeta' attrici kienet konxja ta' xi kambjament li ghogbu jaghmel l-konvenut fil-personalita' tieghu u lanqas ma jidher li din kienet taccetta dan il-kambjament kieku giet infurmata.

3. Il-konvenut qed jghid li hu mhux responsabbli ghall-ammont pretiz u cioe l-prezz tal-flieles billi huwa kien jagixxi biss bhala intermedjarju bejn is-socjeta' attrici u d-diversi bdiewa li kienu jixtru l-merkanzija ossia flieles minghand is-socjeta' attrici. Hu jghid li ta' dan l-intervent huwa kien jircevi "commission" ta' 1% fuq il-bejgh. George Borg in rappresentanza tas-socjeta' attrici jichad din l-allegazzjoni u jsostni li r-relazzjoni kummercjali dejjem kienet mal-konvenut li kien jigi invocjat bil-prezz tal-mercja izda li bi ftehim mieghu, biex l-istess konvenut jigi agevolat, l-prezz, li eventwalment kien jigi dedott mill-ammont li l-konvenut kien jhallas lill-bdiewa wara li dawn jkabbru l-flieles, kien jizdied b'rata li kienet tigi kreditata favur il-konvenut meta huwa jhallas ghall-merkanzija. Din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u senjatament ix-xhieda tal-istess konvenut in kontro ezami fejn effettivament ammetta responsabbilita' ghad-dejn pretiz (ghalkemm mhux fl-intier tieghu), ix-xhieda ta' Geroeg Borg, kif ukoll dik ta' Ninu Vassallo u Joseph Camilleri, zewg bdiewa, hija tal-fehma li r-relazzjoni kummercjali ezistenti kienet bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut direttament. L-istess konvenut kien jordna l-flieles u jindika

lill-attur fejn dawn ghandhom jigu "delivered". Is-socjeta' attrici ma kellha ebda kontroll dwar il-konsenja. Finalment kien il-konvenut li kien jhallas lis-socjeta' attrici l-prezz tal-flieles wara li dawn jkun tkabbru u gew maqtula. Il-bdiewa, sa meta kien jordna l-konvenut, qatt ma hallsu direttament lis-socjeta' attrici.

4. Qed jinghad ukoll li l-ammont pretiz huwa eccessiv. Il-konvenut ghamel referenza ghall-statement tal-31 ta' Dicembru 1999 tas-socjeta' attrici li juri li fit-3 ta' Dicembru 1999 l-bilanc dovut bhala kapital kien jammonta ghal LM5979.04 u minn dan kellhom jitnaqqsu certa "credits" li kienu dovuti lilu. Dan l-ammont jikkontrasta mal-istatement tas-socjeta' attrici Dok GB1 fejn jinghad li fit-13 ta' Lulju 1999 (cioe hames xhur qabel) l-kapital dovut kien ta' LM7140.00 u dana meta bejn Lulju u Dicembru ta' dik is-sena ma jirrizultax li l-konvenut xtara xi merkanzija ohra minghand is-socjeta' attrici. Ix-xhud George Borg spjega li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici kien awmentat billi l-konvenut ma kienx gie kreditat bl-ammonti rappresentanti l-1% dovuti lilu kif fuq inghad u qal li dan l-ammont kien jilhaq LM318 li effettivament kellhom jitnaqqsu mill-kont meta dan jithallas. Biz-zieda ta' dan l-ammont mal-bilanc muri fl-istatement tal-31 ta' Dicembru 1999, qatt ma tista tilhaq l-ammont ta' LM7140 indikat bhala kapital mis-socjeta' attrici. Inoltre l-konvenut jghid li mill-ammont indikat fl-istatement tal-31 ta' Dicembru 1999 ghandhom jitnaqqsu "credits" ohra b'kollox LM61.60. Ghalhekk skond il-konvneut l-ammont dovut bhala kapital jilhaq is-somma ta' LM5917.44. Din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' attrici qatt ma kellha terga tinkludi fil-kont finali l-"credits" dovuti lill-konvenut. Dawn l-ammonti qatt ma kienu taghha u b'hekk ma setghetx tippretendi l-hlas taghhom. Inoltre jidher li dak li qed

jghid l-konvenut, u dan apparti l-kwistjoni tal-imghaxijiet, limitatament ghal dak li huwa "kapital" huwa sostnut mill-istess statement tas-socjeta' attrici u fir-rigward tal-"credits" addizzjonali ma giex kontradett bl-ebda mod. Din il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-ammont dovut "*bhala kapital*" jammonta ghal LM5917.44.

5. Is-socjeta' attrici qedha tippretendi li hija dovuta imghax fuq id-diversi konsenji mid-data tal-konsenja sal hlas effettiv. Il-konvenut jghid li qatt ma kien hemm ftehim dwar imghax u ghalhekk dan mhux dovut. Fl-ewwel lok jigi rilevat li f'kamp kummercjali l-imghax jiddekorri "ex lege" u la hemm bzonn ta' ftehim u lanqas interpellazzjoni. Dan premess izda jigi rilevat li fil-kaz in ezami l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn sitt gimghat wara d-data ta' kull konsjenja billi jirrizulta li s-socjeta' attrici ma kienetx tithallas immedjatament izda wara li l-flieles kienu jigu maqtula u cioe xi sitt gimghat wara l-konsenja. Inoltre ghandu jigi rilevat li t-talba attrici tikkontempla imghax fuq imghax billi donnu l-attur qed jippretendi li jinghata imghax fuq l-imghax gja komputat. Dan mhux permess sakemm ma tigiex segwita l-procedura specjali kontemplata fil-ligi. Ghalhekk dwar dan il-kap din il-Qorti sejra tipprovdi kif jinghad hawn taht.

Ghar-ragunijiet fuq moghtia il-Qorti tipprovdi dwar din il-vertenza kif gej:-

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u b'hekk tillibera lill-konvenuta Josette Muscat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut.
3. Tilqa' r-raba eccezzjoni tal-konvenut limitatament billi tiddikjara li l-ammont kapitali dovut minnu lis-socjeta' attrici huwa ta' hamest

elef disa’ mija u sbatax-l lira maltin u erbgha u erbghin centezimu (LM5917.44).

4. Tichad il-hames eccezzjoni tal-konvenut u tilqa’ t-talba attrici fir-rigward tal-imghax billi tipprovdi li l-imghax dovut mill-konvenut ghandu jigi komputat bir-rata ta’ tmienja fil-mija fis-sena fuq kull partita rapprezentata minn “invoice” b’effett min sitt gimghat wara d-data ta’ kull konsenja tal-merkanzija, sad-data tal-pagament effettiv.

5. In vista ta’ dak li inghad fil-paragrafu precedenti l-qorti mhux sejra tipprovdi dwar is-sitt eccezzjoni u t-talba dwar l-imghax ulterjuri kif mitlub fic-citazzjoni.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jithallsu kwantu ghall-kwart mis-socjeta’ attrici u tlett kwarti mill-konvenuti.

Onor Imhallef Albert J. Magri